**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Audrey Micallef]**

**vs**

**Christopher Anthony Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 31/2022**

**Illum, 13 ta' Marzu, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra **Christopher Anthony Cassar** detentur tal-karta tal-identità numru 0524579M:

Akkuzat talli nhar it-03 ta' Novembru 2021 u fil-granet, u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa l-Mosta, u f'diversi postijiet gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lill-mara tieghu u cioe' **Pauline Agius Cassar**, li tigi wkoll omm it-tfal tieghu *Ben Cassar* u *Nate Cassar*, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju ghall-mara tieghu *Pauline Agius Cassar*.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Christopher Anthony Cassar** a beneficcju ta' **Pauline Agius Cassar** u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' **Pauline Agius** Cassar u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikazzbli ghar-reat, torbot lil **Christopher Anthony Cassar** b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi **Christopher Anthony Cassar** sabiex ihallas l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2022 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jitlob li tinstab htija u cioè:

- Fl-Artikoli 251A; 251H(a); 251H(b); 251HA; 202(h)(iv); 202(i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A; 383; 384; 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-Artikoli 17; 31; 532A; 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi r-reat addebitat lill-imputat Christopher Anthony Cassar jinkwadra ruhu taht ir-reat ta' fastidju u cioè taht l-Artikoli 251A tal-Kapitolu 9 li jghidu hekk:

*"(1) Persuna li:*

*(a) iggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra; jew*

*(b) iggib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

*(c) tissoggetta lil persuna ohra gha  xi att ta' intimità fizika; jew*

*(d) titlob favuri sesswali minghand persuna ohra; jew*

*(e) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu.*

*(2) Ghall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qighda ggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgiba tammonta għal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku tahseb li dik l-imgiba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.*

*(3) Persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li:*
*(a) l-imgiba taghha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxijew tikxef xi delitt; jew l-imgiba taghha kienet dovuta taht xi ligi, regolament jew regola,*

*jew biex tikkonforma ruhha ma' xi kondizzjoni jew ħtiega imposta minn xi persuna taht xi ligi; jew*
*(c) fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgiba kienet wahda ragonevoli.*

*(4) Persuna misjuba hatja ta' reat tah dan l-artikolu tista' tehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn hamest elef euro (€5,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien:"*

In propositu ta' dawn l-akkuzi fil-konfront tal-imputat u cioè r-reati ta' *harassment*, qed jigi kkwotat l-awtur **Blackstone** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (2012 Ed.) li jghid:-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ*

*at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ).*"

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid li referenzi ghall-ghoti ta' fastidju lill-persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra ghat-terminu generiku ta' fastidju jew "harassment".

Blackstone f'dan ir-rigward, ikompli jghid hekk:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The*

*practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"* [emfasi tal-Qorti]

F'sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "****Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being***

***directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose****", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar- retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza fil-21/06/2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**:-

*".... f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.****" Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal- parametri tal-akkuza nnifisha."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk in propositu:-

> *"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant."*

Illi din il-Qorti tibda biex tippremetti illi taqbel mas-sottomissjoni tal-abbli avukat difensur a propositu tal-aspett temporali ta' dan ir-reat. Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' fastidju ghall-perjodu tat-*"03 ta' Novembru 2021 u fil-granet, u fix-xhur ta' qabel"* u ghalhekk din il-Qorti ser tikkunsidra biss dawk l-avvenimenti relatati ghat-3 ta' Novembru 2021 u dawk li jmorru lura sa mhux aktar tard tal-bidu ta' Novembru 2020.

Illi din il-Qorti trid ukoll tippremetti li tul il-proceduri setghet tosserva l-agir taz-zewg partijiet u nnutat li l-parte civile Pauline Agius Cassar hija persuna emottiva hafna u l-imputat huwa persuna li tgharbel hafna l-gesti tieghu u ghalhekk tenut kont ta' dawn iz-zewg personalitajiet

profondament diversi, fil-kaz ta' konfront bhal ma hi separazzjoni personali, ikun hemm hafna konflitti.

Illi tenut kont ta' din il-premessa din il-Qorti thoss, li ghalkemm il-komportament tal-imputat kien wiehed li seta' jigi evitat facilment, però dan ma jikkostitwix ir-reat ta' fastidju kif kontemplat fl-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9. Illi jrid jinghad ukoll illi l-Avukat Generali ma elenkax taht liema sub-paragrafu jhoss li ghandha tinstab htija billi kkwota biss l-Artikolu 251A fl-intier tieghu.

Illi din il-Qorti mhix ser tidhol fl-argument illi l-imputat kien qed jiehu *recordings* biex jikkawtela l-pozizzjoni tieghu fil-kawza ta' separazzjoni ghaliex anke jekk hemm insenjament tal-Qorti li jghid illi dan jista' jsir sabiex jikkawtela l-pozizzjoni ta' min johodhom fil-kawza, din il-Qorti wisq tibza' illi jekk dawn l-affarijiet jithallew isiru hlief f'aspetti fejn trid tigi kkawtelata l-inkolumità jew il-hajja ta' dik il-persuna, ikun hemm abbuz tas-sistema.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel ma' dak li ntqal fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sebastian Grima** (dec QM 12/09/22) fejn intqal li r-reat ta' fastidju ma jiffigurax meta hemm storja

twila ta’ tilwim bejn il-partijiet. Illi tabbraccja pjenament dak li kompla jinghad minn din il-Qorti meta qalet:

> “*Kemm hu hekk, il-Qorti wara li semghet l-audio recordings u x-xhieda tal-partijiet, fehmet li huma kienu ferm imdorrijin b’din ix-xorta ta’ tilwim. Fir-realta’, il-Qorti ma tistenna xejn inqas minn koppja li ghaddejjin minn process ta’ separazzjoni, fejn qeghdin jghixu hajja separata izda taht l-istess saqaf fejn kien hemm dizgwid evidenti bejniethom, fejn l-imputat kien qed jigi nterpellat jitlaq mid-dar matrimonjali u fejn il-movimenti tieghu kienu kontinwament taht l-iskrutinju ta’ martu li fit-tliet granet mertu tal-akkuzi odjerni, rat kif qanqlet argomenti fuq materji li messet kienet taf li ser idejqu lil zewgha*”.

Illi din il-Qorti bl-ebda mod ma hija tinsinwa illi l-parte civile pprovokat dawn l-argumenti bejnha u bejn ir-ragel taghha. Dak li qed tghid huwa li f’kaz ta’ separazzjoni bejn koppja huwa facli li jkun hemm dizgwid u huwa facli li dak li jkun qed jaghmel il-konjugi jigi interpretat hazin jew imkabbar. Fil-kaz odjern kull incident imsemmi mill-parte civile kien ikkonfermat mill-imputat izda meta tara l-verzjoni tal-parte civile u dik tal-imputat ikun hemm xi

differenzi ghax ikunu gew minn lenti ta' zewg persuni li fil-pozizzjoni taghhom jarawhom b'mod differenti u mhux oggettivament.

Illi mix-xhieda tal-istess parte civile, ghalkemm tghid illi l-imputat kien jirrekordjaha u ghalhekk kienet qed thossha ffastidjata, hi ukoll ipprezentat *voice recordings* tieghu sabiex turi it-ton li bih kien ikellimha (Dok PAC7). Illi dokumenti ohra pprezentati minnha bhal mhu Dok. PAC6 li huwa numru ta' *screenshots* bla data ma juru xejn hlief koppja tfettaq fuq affarijiet trivjali. Dokument iehor juri filmat li hadet il-parte civile stess (Dok. PAC1) fejn juri argument iehor bejn il-partijiet li allegatament sar f'Gunju 2021. Dok. CC1 ipprezentat mill-imputat ukoll juri li l-parte civile tiehu ritratti titbissem tal-karozza tal-imputat.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-parte civile tghid illi thossha mdejqa u mkissra emozjonalment izda li trid tirrealizza illi jekk dawn il-battibekki bejnha u r-ragel taghha jibdew mil-liema parti jibdew, ser ikomplu jiggravaw is-sitwazzjoni partikolarment tat-tfal minuri taghhom li certament ser jigu effettwati b'mod hazin jekk dan l-agir ta' bejniethom ikompli.

Illi ghalhekk kif intqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-event dannuz ma jistax jigi kkunsidrat li jaqa' taht il-parametri tal-Artikolu 251A u l-anqas taht l-Artikoli l-ohra kkwotati mill-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Christopher Anthony Cassar hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u kwindi tilliberah minn kull osservanza.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit BA, LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**